

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Speċjalizzati Nazzjonali](#) > [Slovenja](#)

Qrati speċjalizzati nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Slovenja

Slovenja



Din it-taqsimha tagħtik informazzjoni dwar kif inhuma organizzati l-qrati speċjalizzati fis-Slovenja.

It-tribunali industrijali u l-qorti soċjali tal-prim' istanza (*Delovna sodišča prve sodišče prve sodišče*)

Skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni, it-tribunali industrijali għandhom ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar tilwim industrijali individwali u kollettivi, u l-qrati soċjali għandhom ġurisdizzjoni fit-tilwim soċjali.

It-tribunali industrijali u l-qorti soċjali tal-prim' istanza jiddeċiedu fl-ewwel istanza. Il-Qorti Għolja Soċjali u Industrijali (*Višje delovno in socialno sodišče*) tiddeċiedi dwar l-appelli kontra d-deċiżjonijiet tat-tribunali industrijali u tal-qorti soċjali tal-prim' istanza, filwaqt li l-appelli kontra u remedji għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Għolja Soċjali u Industrijali jinstemgħu mill-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja.

Tribunal industrijali għandu ġurisdizzjoni jiddeċiedi dwar it-tilwim industrijali individwali li ġej:

- dwar il-konklużjoni, l-eżistenza, id-durata u l-waqfien tar-relazzjonijiet industrijali;
- dwar id-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw mir-relazzjoni industrijali bejn l-impjegati u min iħaddem jew is-suċċessuri ġuridiċi tagħhom;
- dwar id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw b'rabta mar-relazzjonijiet bejn l-impjegati u l-klijenti li jiġu kkuntrattati biex jaħdmu magħhom b'kuntratt bejn l-impjegati u l-klijenti;
- bejn min iħaddem u r-rikorrent b'rabta mal-proċeduri ta' reklutaġġ;
- dwar id-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minn proprjetà industrijali, maqbula bejn iħaddiem u min iħaddem abbażi tar-relazzjonijiet industrijali;
- dwar ix-xogħol li jsir minn tfal taħt il-15-il sena, apprendisti, tfal tal-iskola u studenti;
- dwar boroż ta' studju għall-persunal, bejn min iħaddem u tfal tal-iskola jew studenti;
- dwar it-twettiq volontarju ta' probazzjoni;
- kif speċifikat mil-liġi.

Tribunal industrijali għandu wkoll ġurisdizzjoni jiddeċiedi jekk kumpanija tal-assigurazzjoni hijiex kokonvenut f'tilwima dwar id-danni li fuqha tribunal industrijali jkun ingħata ġurisdizzjoni.

Tribunal industrijali għandu ġurisdizzjoni jiddeċiedi dwar it-tilwim industrijali kollettivi li ġej:

- bejn il-partijiet fi ftehim kollettivi jew bejn il-partijiet fi ftehim u parti terza li tikkonċerna l-validità u l-eżekuzzjoni ta' ftehim kollettivi;
- dwar il-kompetenza li jitwettqu negozjati kollettivi;
- dwar il-konkordanza ta' ftehimiet kollettivi mal-liġi, il-konkordanza reċiproka ta' ftehimiet kollettivi, u l-konkordanza ta' atti legali ġenerali minn min iħaddem mal-liġi u ma' ftehim kollettivi;
- dwar il-legalità ta' strajks u ta' azzjonijiet industrijali oħra;
- dwar il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-maniġment;
- dwar il-kompetenzi tat-trade unions b'rabta mar-relazzjonijiet industrijali;

- b'rabta ma' deċiżjonijiet dwar ir-rappreżentattività tat-trade unions;
- kif speċifikat mil-liġi.

Il-qorti soċjali għandha ġurisdizzjoni tiddeċiedi dwar it-tilwim soċjali li ġej:

1. Fil-qasam tal-assigurazzjoni tal-pensjoni u d-diżabilità:

- dwar id-drittijiet għall-assigurazzjoni obligatorja tal-pensjoni u tad-diżabilità u d-drittijiet li jirriżultaw minnha,
- dwar id-drittijiet għall-assigurazzjoni obligatorja addizzjonali tal-pensjoni u d-drittijiet li jirriżultaw minnha;
- dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjoni obligatorja tal-pensjoni u tad-diżabilità u tal-assigurazzjoni obligatorja addizzjonali tal-pensjoni;
- dwar l-ispeċifikazzjoni jew it-terminazzjoni ta' pożizzjonijiet li għalihom l-inklużjoni f'assigurazzjoni addizzjonali tal-pensjoni hija obligatorja;
- dwar l-inklużjoni volontarja f'assigurazzjoni obligatorja tal-pensjonijiet u tad-diżabilità u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għal din l-assigurazzjoni;
- dwar ir-rikonossiment u l-akkwist tal-perjodu tal-assigurazzjoni;
- dwar id-drittijiet għal pensjoni tal-istat;
- b'konnessjoni mar-reġistru uffċjali;

2. Fil-qasam tal-assigurazzjoni tas-saħħa:

- dwar id-drittijiet għall-assigurazzjoni obligatorja tas-saħħa u tad-drittijiet li jirriżultaw minnha u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għal din l-assigurazzjoni;

3. Fil-qasam tal-assigurazzjoni tal-qgħad u tar-reklutaġġ:

- dwar id-drittijiet għall-assigurazzjoni obligatorja tal-qgħad u tad-drittijiet li jirriżultaw minnha u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għal din l-assigurazzjoni;
- dwar l-inklużjoni volontarja f'assigurazzjoni obligatorja tal-qgħad u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għal din l-assigurazzjoni;
- dwar boroż ta' studju, li fl-għoti tagħhom inventarju tal-assi jkun deċiżiv, u boroż ta' studju għal dawk b'talent speċjali;
- dwar self għal studju abbażi ta' garanziji u rati tal-imgħax issussidjati, li fl-għoti tagħhom inventarju tal-assi jkun deċiżiv;

4. Fil-qasam tal-protezzjoni tal-ġenituri u tal-benefiċċji tal-familja:

- dwar id-drittijiet għall-assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-ġenituri u d-drittijiet li jirriżultaw minnha u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet għal din l-assigurazzjoni;
- dwar id-drittijiet għall-benefiċċji tal-familja;

5. Fil-qasam tal-benefiċċji soċjali:

- dwar il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali;
- dwar id-drittijiet għall-benefiċċji soċjali taħt diversi intestaturi, jekk l-għan ikun li tiġi riżolta s-sitwazzjoni tas-sigurtà soċjali tar-rikorrent, u jekk inventarju tal-assi jkun deċiżiv għar-rikonossiment tad-dritt għal dan il-benefiċċju.

Il-qorti soċjali għandha wkoll ġurisdizzjoni fl-oqsma msemmija hawn fuq fit-tilwim soċjali li ġej:

- dwar ir-restituzzjoni ta' fondi miksuba b'mod mhux xieraq;
- Dwar kumpens għal danni kkawżati minn korp statali uffċjali jew minn detentur ta' awtorità pubblika lil persuna assicurata jew lil rikorrent għal sigurtà soċjali, jew danni lil persuna assicurata tikkawża lil xi istituzzjoni b'konnessjoni ma' relazzjonijiet ta' assicurazzjoni, jew b'konnessjoni mal-eżerċizzju ta' drittijiet skont is-sigurtà soċjali.

Il-qorti soċjali għandha wkoll ġurisdizzjoni fit-tilwim soċjali kif speċifikat mil-liġi.

Il-qorti tal-prim' istanza fir-Repubblika tas-Slovenja huma dawn:

- It-Tribunal Industrijali ta' Celje, ibbażata f' Celje, b' ġurisdizzjoni fuq it-territorju tad-distrett ġudizzjarju ta' Celje;
- It-Tribunal Industrijali ta' Koper, ibbażata f' Koper, b' ġurisdizzjoni fuq it-territorju tad-distretti ġudizzjarji ta' Koper u Nova Gorica;
- il-Qorti Soċjali u Industrijali ta' Ljubljana, ibbażata f' Ljubljana, b' ġurisdizzjoni tiddeċiedi f' tilwim industrijali għat-territorju tad-distretti ġudizzjarji ta' Kranj, Krško, Ljubljana u Novo Mesto, u b' ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi kwistjonijiet soċjali għat-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja;
- It-Tribunal Industrijali ta' Maribor, ibbażata f' Maribor, b' ġurisdizzjoni fuq it-territorju tad-distretti ġudizzjarji ta' Maribor, Murska Sobota, Ptuj u Slovenj Gradec.

Il-Qrati tal-prim' istanza jiddeċiedu fit-tilwim dwar ix-xogħol fis-sede tal-qorti, sakemm ma jkunx speċifikat li jridu jiddeċiedu f' dipartimenti esterni.

F' tilwim industrijali u soċjali, qorti tal-prim' istanza tiddeċiedi f' bord magħmul minn imħallef bħala president tal-bord u minn żewġ imħallfin onorarji bħala membri, li wieħed minnhom irid jiġi elett minn lista ta' kandidati ta' ħaddiema jew persuni assigurati, u l-ieħor minn lista ta' kandidati ta' min iħaddem jew ta' istituzzjonijiet.

Imħallef individwali jiddeċiedi dwar tilwim industrijali u soċjali individwali li jikkonċerna pretensjonijiet ġuridiċi materjali jekk is-suġġett tal-kawża fit-tilwima ma jkunx jaqbeż EUR 40 000. Ċerti kwistjonijiet importanti jridu jiġu deċiżi minn imħallef individwali irrispettivament mill-valur tas-suġġett tal-kawża, pereż. tilwim industrijali individwali relatat mas-sospensjoni ta' kuntratt ta' impjieg, xogħol bi prova, sahra, pawżi, mistrieħ, mistrieħ u liv u assenzi oħra mix-xogħol, id-dmir li jsir xogħol minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, sanzjonijiet dixxiplinari, sospensjoni temporanja mix-xogħol minħabba l-bidu ta' proċedura dixxiplinarja u riassenjazzjoni temporanja; tilwim soċjali dwar id-dritt għal benefiċċju tal-attendenza, id-dritt għal benefiċċju tad-diżabbiltà għal diżabbiltà fiżika u d-dritt għal trattament fi spa.

Qorti Ogħla Soċjali u Industrijali (*Višje delovno in socialno sodišče*)

Il-Qorti Għolja Soċjali u Industrijali tiddeċiedi l-appelli kontra d-deċiżjonijiet tat-tribunali industrijali u tal-qorti soċjali tal-prim' istanza. Il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja (*Vrhovno sodišče Republike Slovenije*) tiddeċiedi dwar l-appelli u r-rieżamijiet tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ogħla Soċjali u Industrijali.

Il-Qorti Għolja Soċjali u Industrijali hija bbażata f' Ljubljana.

Il-Qorti Għolja Soċjali u Industrijali tiddeċiedi f' bord ta' tliet imħallfin.

Il-Qorti Amministrattiva tar-Repubblika tas-Slovenja (*Upravno sodišče Republike Slovenije*)

Il-Qorti Amministrattiva tar-Repubblika tas-Slovenja għandha l-ġurisdizzjoni tiddeċiedi f' tilwima amministrattiva skont il-metodi u l-proċeduri stabbiliti fl-Att dwar it-Tilwim Amministrattiv.

F' tilwima amministrattiva, il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet u tal-benefiċċji tal-individwi u tal-organizzazzjonijiet hija żgurata fir-rigward tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-korpi Statali, il-korpi tal-komunità lokali u d-detenturi ta' awtorizzazzjonijiet pubbliċi f' konformità mal-Att.

F' tilwima amministrattiva l-Qorti:

- tiddeċiedi dwar il-legalità ta' atti amministrattivi finali li jinterferixxu mal-pożizzjoni ġuridika tar-rikorrent;
- taġġudika dwar il-legalità ta' atti u azzjonijiet individwali li jinterferixxu mad-drittijiet tal-bniedem u mal-libertajiet fundamentali ta' individwu, sakemm ma tkunx għet garantita forma differenti ta' proċess xieraq;
- tiddeċiedi dwar il-legalità ta' atti adottati minn korpi Statali taħt forma ta' regolament, meta dawn jirregolaw relazzjonijiet individwali,
- tiddeċiedi dwar tilwim skont il-liġi pubblika bejn l-Istat u komunitajiet lokali, fost komunitajiet lokali jew bejn komunitajiet lokali u detenturi ta' awtorizzazzjoni pubblika, fejn previst mil-liġi jew fejn l-ebda forma oħra ta' proċess dovut ma tkun teżisti skont il-kostituzzjoni jew xi liġi,
- tiddeċiedi dwar il-legalità ta' atti oħra, fejn previst mil-liġi.

F' tilwima amministrattiva, il-Qorti Amministrattiva tar-Repubblika tas-Slovenja tiddeċiedi fil-prim' istanza.

Madankollu, il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja tiddeċiedi dwar ilment kontra jew ir-reviżjoni ta' deċiżjoni tal-prim' istanza f'tilwima amministrattiva.

L-uffiċċju prinċipali tal-Qorti Amministrattiva tar-Repubblika tas-Slovenja jinsab f'Ljubljana.

Il-Qorti Amministrattiva taġġudika fl-uffiċċju prinċipali u fl-uffiċċji tal-fergħat li ġejjin:

- id-dipartiment ta' Celje għaż-żona koperta mill-Qorti Għolja ta' Celje;
- id-dipartiment ta' Nova Gorica għaż-żoni koperti mill-Qorti Superjuri ta' Koper;
- id-dipartiment ta' Maribor għaż-żona koperta mill-Qorti Għolja ta' Maribor.

Il-Qorti Amministrattiva tiddeċiedi f'bord ta' tliet imħallfin, ħlief f'ċerti każijiet previsti mil-liġi li fihom jiddeċiedi mħallef wieħed.

Il-Qorti Suprema tiddeċiedi b'imħallef wieħed dwar is-sospensjoni ta' proċedimenti; fl-appelli u fir-rieżamijiet hija tiddeċiedi f'bord ta' tliet imħallfin; f'tilwimiet dwar kompetenza bejn il-Qorti Amministrattiva u qorti ta' kompetenza ġenerali jew qorti speċjalizzata l-bord ikun magħmul minn tliet imħallfin; f'tilwimiet li jikkonċernaw il-kompetenza bejn il-Qorti Amministrattiva u l-Qorti Suprema, il-bord ikun magħmul minn ħames imħallfin.

Bażijiet ta' *data* ġuridiċi

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar il-qradi fis-Slovenja fis-[sit web uffiċjali tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja](#).

Ħoloq relatati:

[Tribunali Industrijali](#)

[Qorti Amministrattiva tar-Repubblika tas-Slovenja](#)

■ L-aħħar aġġornament: 27/05/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.